**13 ta' Jannar, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Wisq Nobbli Markiż Anthony Cassar Desain

**Traffiku — Omiċidju Kolpus — "Speed" — Prova — "Res Ipsa Loquitur" — "Pedestrian" — Età — Piena.**

*Hu deżiderabbli li xhud miġjub biex jixhed dwar il-"speed" li bih kienet għaddejja karrozza, li mbagħad iltaqgħet ma' sinistru stradali, jgħid b'kemm mili fis-siegħa kienet għaddejja; imma mhux preklus li jgħid li l-karrozza kienet*

*ghaddejja b'veloċità qawwija jew bil-mod. Id-driver tal-karrozza nvoluta fis-sinistru hu l-persuna l-aktar fil-pożizzjoni li tipprova dik il-veloċità; imma, stante li huwa nteressat fl-eżitu tal-kawża promossa kontra tiegħu, ix-xhieda tiegħu titlef ħafna mill-valur tagħha. Kwantu għall-passiġġieri li jkollu dak id-driver, għalkemm mhumiex prekluzi milli jagħtu l-opinjoni tagħhom, hu forsi aktar diffiċli għalihom li jagħtu estimu ta' li-"speed" milli kieku kienu barranin. Iżda jista' jkun hemm serje ta' ċirkustanzi li jikkostitwixxu dak li komunement jissejjaħ "res ipsa loquitur", li jikkonfermaw id-depożizzjoni tax-xhud li qal biss li l-karrozza kienet għaddejja b'veloċità qawwija mingħajr ma qal b'kemm mili fis-siegħa.*

*Meta s-serje taċ-ċirkustanzi jikkostitwixxu kwadru ta' "res ipsa loquitur", il-Prosekuzzjoni tista' tistrieħ għall-assodament tal-imputazzjoni; u jmiss lill-imputat li jipprova ċirkustanzi in diskariku.*

*Meta ma hux il-każ ta' "pedestrian" li jinżel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaċċa għall-għarrieda minn wara xi car ieħor, jew li joħroġ minn xi kurva tat-triq, jew li jitfaċċa għall-għarrieda u inaspettament quddiem il-karrozza, u każijiet simili, id-driver li jinvesti lil dak il-"pedestran" ma jistgħax jinkolpah u jitfa fuqu l-ħtija għall-investiment. Jekk minħabba veloċità eċċessiva u nuqqas ta' "proper look out" ma setgħax jevita l-investiment, huwa waħdu ħati għas-sinistru.*

*Il-propożizzjoni aprijoristika u ġenerali illi l-età ġjovanili (e.g. ta' 22 sena) mhijiex indikattiva ta' piena restrittiva tal-libertà personali mhix korretta; l-eżenzjoni minn piena simili tista' tkun ġustifikata minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, imma mhux bis-saħħa ta' propożizzjoni simili.*

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja talli f'tal-Pjetà, fil-15 ta' Lulju 1961, f'xi d-9.30 p.m., waqt li kien isuq car number 30521 mid-direzzjoni ta' Portes des Bombes lejn l-Imsida, bi speed qawwi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila

fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, laqgħat u waddab mal-art lil Andrew Grima ta' 62 sena, u b'hekk ikkaġunalu l-mewt, skond kif iċċertifika t-Tabib R. Sciberras; u għalhekk ġiet mitluba s-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan kollha tiegħu;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti Istruttorja, mogħti fiż-17 ta' Lulju 1961, li bih ġie nominat bħala espert Edgar Felice, sabiex jirrelata u jistabbilixxi ċ-ċirkustanzi li ġiebu l-każ in kwistjoni;

Rat in-nota tal-Attorney General tat-2 ta' Awissu 1961, li biha l-atti tal-kumpilazzjoni ġew mibgħuta lura lil dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiddeċidi hi dwar il-ħtija jew ħtijiet tal-imputat fil-kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub fl-art. 239 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice No. 337 tal-1940, fl-art. 14(1)(a)(2) tal-Kap. 105 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-art. 31(1) tal-Kodiċi Kriminali, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Awissu 1961, li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputat ħati, skond l-imputazzjoni, tal-omiċidju kolpus ta' Andrew Grima, u kkundannatu għall-ħlas tal-multa ta' £100, u ordnat li l-imputat jiġi skwalifikat li jkollu jew jottjeni ebda liċenza tas-sewqan għal żmien tletin xahar;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-punt li ġie maġġjorment dibattut f'dan l-appell hu dak li jirrigwarda li-speed li bih kien qed isuq l-appellant fil-ħin li Andrew Grima ġie sinistrat bil-karrozza tiegħu;

Dwar dan il-punt, għal dak li jirrigwarda l-provi testimonjali, il-pożizzjoni tidher li hi din li sejra tingħad;

Ix-xhud James Hagues, li kien f'gallarija tal-appartament tiegħu propriju fil-post fejn sar il-każ, xi sittin pied għolja din il-gallarija iddeskriva dan li-speed bħala "very fast". Ma speċifikax kemm, u ma jafx isuq cars, iżda qal "I am quite positive that the speed of the car was very fast." Fix-xhieda tiegħu, l-appellant *qal li hu kien qed* isuq bi speed ta' bejn 20 u 25 mil fis-siegħa. Anthony Azzopardi, li kien riekeb miegħu, u li ma jsuqx, qal illi li-speed kien *normali* ("ipsis verbis"), u ma speċifikax kemm, almenu fl-ewwel xhieda tiegħu;

Fit-tieni xhieda, li hu ta' quddiem din il-Qorti, dan ix-xhur irrisponda hekk:— Domanda "Kif kien li-speed tiegħu?" Risposta "Għalija kien jidher li hu normali, għarraġuni li jiena nervus ħafna." Domanda "Inti għandek idea ta' speed?" Risposta "Le, għax ma nafx insuq." Domanda "Meta tgħid li kien speed normali, kemm tikkalkola li hu speed normali? Bħala bniedem nervus tħares lejn li-speedometer?" *Risposta* "Le, *ma nħarisx* lejn il-speedometer, u *naħseb li speed normali hu* ta' 25 *mil*". Domanda "Meta tibda ssir nervus fuq karozza?" Risposta "Meta jiskorri l-25 *mil* fis-siegħa";

Jekk wieħed jieħu dawn ir-risposti ta' dan ix-xhud fuq l-isfond tax-xhieda tiegħu kollha kemm hi, isib li ma tantx hija rassikuranti; għaliex minn dak kollu *li* ġara *hu*, ferm stranament, ma ra xejn, ħlief deherlu li l-"windscreen" qegħdha tinkiser b'xi ġebla li setgħet intefgħet; mill-bqija xejn ma ra jew sama'. *Dan juri*, biex wieħed jgħid l-anqas, *distrazzjoni kbira, li ma tantx* ("per *meno dire*") *tagħti* affidament fuq il-ġudizzju tiegħu dwar li-speed. F'din is-sedi tal-appell instemgħu żewġ xhieda ġodda in difiża, li l-appellant ma setgħax jipproduċi in prima istanza;

Ix-xhud Francesco Camilleri ma tantx jgħin wisq, għaliex hu jgħid li fin-niżla ta' Braxia, ftit il-fuq mill-kantuniera, qiesu fin-nofs tan-niżla, qabżitu l-karrozza tal-imputat f'ħin li dan ix-xhud kien qiegħed isuq char-a-banc tal-linja bi speed, kif jgħid hu, ta' ħmistax il-mil fis-siegħa, u mbagħad donnu ma tgħax każ aktar tal-karrozza tal-imputat sakemm sama' l-ħsejjes tal-investiment fil-kantuniera, ossija fit-tarf tan-*niżla*;

Dan ix-xhud qal hekk wara li kien irriferixxa għas-sorpass tal-karrozza tal-imputat:— Domanda "U inti bqajt miexi warajha?" Risposta "Iva". Domanda "Sakemm kont miexi warajha, inti għall-mument kont miexi bi speed baxx ħafna?" Risposta "Xi ħmistax il-mil fis-siegħa". Domanda "Sa fejn bqajt issegwiha dik il-karrozza, jekk segwejtha?" Risposta "Ma tajtx każ, però nista' ngħid li meta wasalt fil-kantuniera smajt daqqa, u smajt ħġieġ jinkiser; imma bqajt ma tajtx każ";

Minn din ix-xhieda (kompriża dik li reġa' ta quddiem il-perit), għalhekk, ftit elucidazzjoni jista' jkun hemm; għar-raġuni li, anki jekk, meta l-appellant qabeż ix-char-a-banc, dan tal-aħħar kien miexi bil-15 il-mil fis-siegħa, jibqa' dejjem injot, stante li x-xhud ma tgħax każ aktar, b'kemm speed baqa' għaddej l-appellant fil-bicca perkors wara s-sorpass tax-char-a-banc sal-lok tal-investiment ta' Grima;

Ix-xhud Paul Chetcuti, li kien fix-char-a-banc bħala passiġġier xi tliet bankijiet wara d-driver, donnu wasal għall-konklużjoni li l-appellant ma kienx qiegħed isuq bil-qawwi, għaliex il-car tal-appellant kien quddiem ix-char-a-banc u x-char-a-banc kien miexi bil-mod. Iżda kull argument li seta' talvolta jiġi nferit mix-xhieda ta' Chetcuti ġie sensibbilment żvalorizzat anzi għal kollox newtralizzat, mic-cirkustanza li dan l-istess xhud, meta reġa' xehed quddiem il-perit relatur f'din l-istanza, qal li hu ma rax il-car tal-appellant taqbeż ix-char-a-banc, u li fl-ebda ħin ma ra miexja — anzi żied jgħid li huwa nduna bil-car tal-appellant (minnu riferit bħala "l-car l-aħmar") meta dan kien ġa waqaf;

Dawn huma x-xhidiet dwar dan il-punt;

Il-perit relatur, li fil-proceduri in prima istanza kien ġa wasal għall-konklużjoni illi li-speed li bih kien qed isuq l-appelant fil-ħin tal-investiment ta' Grima kien eccessiv sewwa, cjoè xi 40 mil fis-siegħa (ara l-ewwel relazzjoni tiegħu in prim'istanza), reġa' kkonferma din il-konklużjoni tiegħu

fir-relazzjoni addizzjonali li pprezenta f'din l-istanza, wara li nstemgħu l-provi ġodda fuq imsemmija f'din is-sede;

Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul, jidhrilha li l-konklużjoni tal-perit hi korretta, għar-raġunijiet li sejrin jingħadu;

Kwantu għax-xhieda ta' Hagues, din tidher spreġudikata. Għalkemm hu deżiderabbli li xhud jgħid b'kemm mili fis-siegħa, però, kif jgħid Andrew Dewar Gibb, "Trial of Motor Car Accidents Cases", para. 374 "the witness may be allowed to characterise the speed as fast or slow, though it is better to have him state that the car went a certain number of miles per hour". L-appellant speċifika li-speed tiegħu; iżda hu utili dak li, a propożitu tad-driver involut f'inċident stradali, jgħid l-awtur fuq ċitat, para. 319:— "Theoretically the driver of the car is the witness who can best give this evidence; but the fact that he is generally interested in the outcome of the action may weaken the value of his evidence considerably". Kwantu għax-xhud Azzopardi, ix-xhieda tiegħu, kif fuq ingħad, hi ferm strana u defiċjenti, u bħala passiġġier tal-car involut forsi hu aktar diffiċli għalieh li jagħti estimu tal-ispeed milli kieku kien barrani, għalkemm ma hux prekluż li jagħti l-opinjoni tiegħu. Jgħid l-istess awtur, para. 320:— "Here it may be said that while it may be more difficult for an occupant of a car than for an outsider to give an accurate estimate of the speed, there seems to be no reason why he should not state his opinion on that matter". Għar-raġunijiet li ġa ngħadu, ix-xhidiet ta' Chetcuti u ta' Camilleri ma jidhrux li jaslu biex jimmenomaw bl-ebda mod il-piż tax-xhieda ta' Hagues, li tidher, għalhekk, l-unika attendibbli u rassikuranti;

Però, il-provi tal-Prosekuzzjoni ma jieqfux hawn, u ġew assodati serie ta' fatti kostitwenti dak li komunement "in subjecta materia", jissejjaħ "res ipsa liquitur", li ikomplu jikkonfermaw ix-xhieda ta' Hagues, u fl-istess ħin jikkostitwixxu huma stess prova konvinċenti tal-mod tas-sewqan tal-appellant. "In such circumstances", jikkommenta d-Davies fit-test tiegħu "Law of Road Traffic", "the facts speak for themselves if no explanation is given by the defendant" (pp. 199-200);

L-ewwel fost dawn iċ-ċirkustanzi hi l-"brake mark" ta' 52 pied li ġiet notata mill-espert nominat u adibit mill-Maġistrat inkwirenti fl-okkażjoni tal-aċċertamenti stradali, li saru immedjatament wara l-inċident. Il-verbal tal-aċċess "in situ", tenut mill-Maġistrat, hu fost il-provi tal-inkartament. L-espert opina li dan it-tul ta' "brake mark" juri speed ta' erbgħejn mil fis-siegħa. Il-Qorti, minn tavoli relattivi għal din il-materja minnha konsultati, fosthom dak publikat minn Ferrodo Ltd. fl-1940, u Davies loc. ċit. paġ. 18, u wara li qieset li l-"brakes" tal-car tal-appellant kienu perfettament effiċjenti, illi t-trieq hi asfaltata u kienet xotta waslet għall-konklużjoni illi li-speed kien approssimattivament 40 mil fis-siegħa, u ċertament aktar minn 35 mil fis-siegħa. Dan mhux biss kien speed anti-regolamentari, peress illi li-speed limit, f'dak il-post abitat, hu ta' ħamsa u għoxrin mil fis-siegħa imma kien ukoll speed sommament imprudenti fiċ-ċirkustanzi ta' lok, ta' traffiku, u ta' ħin;

Kontra din iċ-ċirkustanza tal-brake mark "ut sic", ebda kontestatazzjoni, li setgħet serjament tivvulneraha, ma ġiet magħmula mid-difiża. Għaż-żewġ obbjezzjonijiet fis-sens, waħda, li ż-żewġ "brake marks" ma kienux ugwali fit-tul, irrisponda soddisfaċentement l-espert, meta qal li r-"retardation power" ma hux ugwali fuq ir-roti kollha separatament, u l-oħra fis-sens li ż-żewġ "brake marks" kienu fuq naħa waħda, ġiet ukoll eliminata bl-ispjegazzjoni tal-espert, li qal in propożitu illi l-car tal-appellant kien għadu kemm iddritta ruħu wara liwja għal-lemin, u l-forza ċentrifuga kienet għadha qegħdha topera u tispinġi l-car, sija pure minimament għan-naħa tax-xellug. Id-difiża qalet ukoll, vagament, mingħajr is-suffraġiu ta' ebda "adminiculum probationis", li l-"brake marks" setgħu kienu ta' car ieħor; iżda kull dubju hu eliminat b'dak li qal l-espert fol. 73 tal-proċess, dwar l-eżami minuzzius li hu għamel "a tempo debito" biex jaċċerta ruħu "hic et nunc" mill-identità tal-"brake marks";

Jiżdiedu wkoll, ma' din iċ-ċirkustanza tal-"brake marks", fatti oħra opportunament rilevati mill-espert, ċjoè:—

1. Il-fatt li, meta Grima ġie milqut, hu ġie mtella' bil-ħatba fuq il-bonnet tal-car, b'manjiera u forza tali li kisser il-"wind screen";

2. Il-fatt li, wara li l-car tal-appellant investa lil Grima, baqa' miexi u għaddej bih fuq il-bonnett għal distanza ta' xi sitta u għoxrin (26) pied;

3. Li meta l-car waqaf, il-fermata kienet tant bruska u qawwija li Grima ġiet letteralment imtajjar għal distanza ta' ħamsa u għoxrin (25) pied aktar il-quddiem;

4. Il-fatt li r-"retarding force" kienet tant qawwija li l-appellant, jew bil-piż tiegħu korporali, jew bil-pressjoni ta' dirgħajh għawweġ li-"steerling wheel" il-quddiem;

Din is-serje ta' ċirkustanzi — il-"brake marks" u ċ-ċirkustanzi fuq enumerati — jikkostitwixxu kwadru ta' "res ipsa loquitur", li fuqha l-Prosekuzzjoni tista' tistrieħ għall-assodament tal-imputazzjoni, jekk l-imputat ma jippruvax ċirkustanzi in diskariku;

Issa, l-assunt tad-difiża ġie ndikat fil-verbal fol. 112, fis-sens li, skond id-difiża, Grima ġie sinistrat minħabba li hu ħareġ f'daqqa, u b'hekk ħoloq emerġenza subitanea għall-appellant;

Din it-teżi għad-diskariku hi però kontraddetta miċ-ċirkustanzi kollha;

Jirriżulta li Grima kien qed jaqsam minn naħa tat-trieq ta' ħdejn il-playground għan-naħa mnejn kien għaddej l-appellant. Kien qed jaqsam mhux skontru, imma in linea più o meno retta. Ma kienx qed jiġri, imma jimxi, kif qal ix-xhud Hagues, "at a walk". It-trieq, hemm, wiesgħa sebgħa u erbgħejn pied u sitt pulzieri. Meta Grima ġie milqut bil-parti ta' quddiem tal-car, li kien miexi għad-dritt, kien jonqsu xi għaxar piedi jew ħmistax biex jilħaq il-bankina, ċjoè kien attraversa aktar miż-żewġ terzi tat-trieq. Qablu, xi għaxar piedi quddiemu, kienet qasmet (anki hija "at a walk") in-neputija tiegħu Carmen Incorvaja. Dan għalhekk ma hux affattu l-kwadru ta' pedestrian li jinżel in-

aspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaċċa "abruptly" minn wara xi car ieħor, jew li joħroġ minn xi kurva fit-trieq, jew ta' pedestrian li, kif jgħid il-Gibb, loc. ċit. para. 56, "suddenly and unexpectedly darts in front of the car", u każijiet simili. Anki jekk it-traffiku f'xi waqtiet kien movimentat, però dak il-ħin wieħed kien jista' jaqsam anki bla ma jiġri, kif qasmet Carmen Incorvaja. Grima kien laħaq mexa distanza mhux traskurabbli (aktar minn żewġ terzi mit-trieq) b'mod li d-driver seta' jarah. F'dik il-lokalità hemm dwal regolari. Incorvaja tgħid li meta qasmet ma ratx cars ġejjin u zijuha qasam warajha, u fil-fatt hi laħqet waslet fuq il-bankina; evidentement, kien x'kien il-volum tat-traffiku f'xi waqt ieħor, dak il-ħin it-trieq kienet libera biex wieħed jista' jaqsam. Lis-Surġent Mangion l-appellant qal li "sab raġel ġo fih" ("ipsis verbis"), u fix-xhieda tiegħu qal li sab lil Andrew Grima fuqu, iżda qatt ma wasal biex qal li Grima tfaċċa inaspettatament minn wara xi car ieħor, jew li qasam f'daqqa; u ċ-ċirkustanzi fuq rilevati juru li Grima kien ġa qasam il-biċċa l-kbira tat-trieq, u li ma kienx affattu moħbi;

Il-pożizzjoni għalhekk, tista' tiġi kristallizzata f'dawn il-kliem tal-istess awtur (Gibb), loc. ċit.:— "It often happens that the motorist does not see the pedestrian until he is close upon him and there is no time to do anything to avert the collision. In such a case, it is necessary to know whose fault it was that the pedestrian was not observed sooner. It may be the fault of either the pedestrian or the motorist, and the liability will vary accordingly. The driver of the car may be negligent because of his failure to see the pedestrian as soon as he should, but on the other hand, the fault is often with the pedestrian, as where he suddenly and unexpectedly darts in front of the car";

Issa, f'dan il-każ il-pedestrian, kif juru l-provi, qasam f'post fejn ma hux projbit li jaqsam, u qasam f'waqt li fih l-istat tat-traffiku, kien x'kien, anki jekk notevolment movimentat ftit qabel u ftit wara, kien jiġġustifikah jaqsam bil-grad meħtieġ ta' sikurezza; u dippjù, lunġi milli tfaċċa f'daqqa waħda quddiem il-car tal-appellant laħaq ittraversa aktar minn żewġ terzi ta' trieq wiesgħa, minn naħa waħda għan-naħa l-oħra mnejn kien għaddej il-car tal-appellant;

xi ftit piedi, xi għaxra, qablu qasmet in-neputija tiegħu, u ggwadanjat il-bankina — ċirkustanza li turi li l-mument kien tajjeb meta din Incorvaja u zijuha, il-mejjet, bdew it-traversata. Iżda l-appellant laħaq fuq Grima f'daqqa minħabba li-speed eżaġerat li bih kien qed isuq, u minħabba li, evidentement, ma kienx qed iżomm "a proper look-out". U minħabba dak li-speed żejjed, li-"stopping distance" kienet insuffiċjenti biex jevita l-katastrofi, u lanqas kien hemm ħin biex l-imputat jirreaġixxi b'xi manuvra evażiva ta' "swerving"; imma baqa' dieħel dritt ġo Grima. Li-speed, imprudentement elevat, u n-nuqqas ta' "a proper look out", kienu l-kawża prossima u immedjata ta' dan l-investiment;

Qabel ma tikkonkludi din is-sentenza, din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel l-osservazzjoni li ġejja. L-Ewwel Qorti, meta ġiet għall-inflizzjoni tal-piena, għamlet, kif spiss isir, xi riljevi dwar dawk iċ-ċirkustanzi li nduċewha tagħti l-piena li fil-fatt infliġġiet. Ma' aggravament ta' din il-piena din il-Qorti ma għandiex x'taqsam, għax trattandosi ta' appell tal-imputat, f'każ ta' konferma tar-reità, ma jistgħax ikun hemm lok għar-"reformatio in pejus", u l-Qorti mhix sejra, u mhix qegħdha, tesprimi ebda opinjoni dwar daqs-hekk. L-Ewwel Qorti, però, wara li semmiet li ma sabet ebda ċirkustanza fil-proċess li timmilita favur l-imputat, u wara li eżaminat iż-żewġ kundanni li hu ġa kellu, waħda għal speed eċċessiv, u l-oħra għal sewqan b'manjiera perikoluża b'sospensjoni tal-liċenza tiegħu għal żmien tliet xhur, żiedet tgħid li l-età tal-imputat, li hi ta' 22 sena, mhijiex, skond il-kriterji moderni tal-penoloġija, indikattiva ta' piena restrittiva tal-libertà personali. Kif ġa ngħad, din il-Qorti mhijiex bl-ebda mod qegħdha tesprimi, espliċitament jew impliċitament, ebda opinjoni dwar il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti, iżda in teżi ġenerali u apparti dan il-każ, unikament "per modum regulae", tixtieq tissenjala, bir-rispett kollu għall-Illustrissimu Maġistrat deċidenti in prima istanza, li ma taqbelx mal-propożizzjoni aprijoristika u ġenerali illi l-età ta' 22 sena ma hijiex indikattiva ta' piena restrittiva tal libertà personali; u din il-Qorti ma tridx li l-konferma ta' din is-sentenza tista' tiġi nterpretata bħala kostitwenti xi preċedent f'dak is-sens. Il-Liġi Maltija, b'dispożizzjonijiet preċiżi stabbiliet id-diversi degradanti tal-piena f'każ ta' età anqas minn tmientax-il

sena; raġġunta dik l-età, ir-responsabbiltà, kwantu għall-entità tal-piena (ħlief f'ċerti każijiet ta' sordomutismu) hi pjena, u għalhekk ma hux leċitu li tiġi allargata l-isfera preskritta mill-liġi bi propożizzjoni ġenerali li tista' timplika eżenzjoni, "in principio", ta' bniedem ta' età, "diciamo", ta' tnejn u għoxrin sena, minn piena restrittiva tal-libertà personali. Dik l-eżenzjoni tista' tkun diskrezzjonalment mogħtija fil-każijiet kongruwi, għal ċirkustanzi partikulari tal-fattispeċje, fejn, s'intendi, il-liġi tippermetti l-latitudini tal-alternattiva tal-piena pekunjarja, imma mhux bis-saħħa tal-propożizzjoni ġenerali fuq imsemmija;

Hu forsi anki utili li jiġi osservat li fil-leġislazzjoni ngliża l-aktar reċenti, l-ambitu u l-iskala tal-pieni restrittivi tal-libertà personali irrogabbli lill-"young offenders" ġew anzi amplifikati, billi tneħħew ċerti restrizzjonijiet preċedenti; liema restrizzjonijiet, anki qabel dawn l-emendi, kienu jaslu sa persuni taħt il-wieħed u għoxrin sena u mhux fuq dik l-età. Ir-rivista legali ngliża "The Solicitor", fin-numru tagħha ta' Settembru 1961, paġ. 268, ikkommentat favorevolment fuq dawn l-emendi ta' penaloġija, kontenuti fil-Criminal Justice Act, 1961, u awgurat, anzi, li l-quddiem jiġu adottati emendi oħra tal-Ingleby Committee;

Għar-raġunijiet fuq imsemmija, u għas-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti tirritjeni li dan l-inċident fatali ġara bi ħtija tal-appellant, minħabba li hu kien qed isuq bi speed eċċessiv u minħabba li ma kienx qed iżomm "a proper look out", u għalhekk ittravolġa l-pedestrian Grima fil-waqt li dan kien qed jaqsam it-trieq, bla ma raħ qabel avvolja seta' u kellu l-pportunità kollha li jaraħ "a tempo", u minħabba l-veloċità li kien imprudentement qed isuq biha ma setgħax iżomm tempestivament, jew jagħmel xi manuvra oħra effikaċi; u per konsegwenza tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-iskwalifika tal-liċenza tas-sewqan tal-appellant, kif ordnata mill-Ewwel Qorti, tibda tgħodd mil-lum stess.